**REĠJUN ĊENTRALI**

# MINUTI

## SEDUTA Nru 51

It-Tlieta, 18 ta' Novembru, 2014

Il-Kumitat tar-Reġjun Ċentrali ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali Msida, Pjazza Menqa, Msida, fil-5.30pm.

Il-President, is-Sur Peter Bonello, ippresieda.

**PREŻENTI**

| | | |
|---|---|---|
| President tar-Reġjun | Peter Bonello | Preżenti |
| Viċi President | Stefan Cordina | Preżenti |
| Sindku L-Imsida | Margareth Baldacchino Cefai | Preżenti |
| Viċi Sindku B'Kara | Rita Borg | Preżenti |
| Kunsillier San Ġwann | Dominic Cassar | Preżenti |
| Kunsillier Il-Gżira | Joe Camilleri | Preżenti |
| Sindku Ta' Xbiex | Maximillian Zammit | Skużat |
| Sindku Sliema | Anthony Chircop | Preżenti |
| Sindku Santa Venera | Stephen Sultana | Preżenti |
| Sindku Ħal Lija | Magda Magri Naudi | Preżenti |
| Sindku Il-Pieta' | Keith Tanti | Skużat |
| Sindku L-Iklin | Anthony Dalli | Assenti |
| Kunsillier Ħal Balzan | Stephen Gatt | Preżenti |

**UFFIĊĊJALI**

Segretarju Eżekuttiv : Jeanette Galea

**TALBA**

Il-President qal it-talba.

1. **MINUTI**

Il-minuti tas-Seduta Nru 50 li saret nhar it-Tlieta, 18 ta' Ottubru, 2014, kienu approvati unanimament.

2. **KORRISPONDENZA**

***2.1 N.B. Engineering Ltd.***

Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sinjura Jeanette Galea, ressqet ittra mingħand il-kumpanija NB Engineering Ltd. fejn kienu qed jinfurmaw li l-kuntratt li għandhom mar-Reġjun ser jagħlaq f'Diċembru 2014.

Għal din ir-raġuni, il-kumpanija qed tistaqsi lir-Reġjun jekk il-kuntratt eżistenti jistax jiġġedded.

Is-Sinjura Galea spjegat li fit-tender kien hemm speċifikat li wara tliet snien il-kuntratt ma jistax jerġa' jiġġedded.

Għal din ir-raġuni l-membri tal-Kumitat approvaw unanimament li għandha terġa' tinħareġ it-talba ta' servizzi għal 'Mechanical Engineer' fuq bażi *part time* malajr kemm jista' jkun.

Il-Kumpanija NB Engineering Ltd għandha tiġi infurmata b'din id-deċiżjoni.

***2.2 Risposta mingħand is-Sur Kenneth De Martino, Guard & Warden Service House Ltd.***

Is-Sinjura Galea ressqet e-mail mingħand is-Sur Kenneth De Martino f'isem il-kumpanija 'Guard & Warden Service House Ltd.'. Is-Sur De Martino laqa' t-talba tar-Reġjun u ssuġġerixxa li joffri skont ta' 10% fuq il-kontijiet tas-CCTVs minn Ottubru 2014 'il quddiem.

Il-Membri tal-Kumitat qablu fuq din il-proposta u għal din ir-raġuni s-Sur De Martino għandu jiġi infurmat biex jiġi ffirmat kuntratt kif inhu speċifikat fid-dokumenti tat-tender.

3. **ĦWEJJEĠ LI JIRRIŻULTAW MILL-MINUTI**

*3.1 Accounts Officer*

Il-Kunsillier tal-Gżira, is-Sur Joe Camilleri, staqsa jekk il-membri tal-Kumitat jistgħux jiġu aġġornati fuq is-sejħa ta' *Accounts Officer* fir-Reġjun.

Il-President, is-Sur Peter Bonello, spjega li l-bord iltaqa' nhar it-Tlieta 11 ta' Novembru 2014 fl-Uffiċċju ta' San Ġwann biex jagħmel intervista lill-applikant li kien applika għal din il-kariga. Il-Bord iddeċieda li r-Regjun għandu jżomm dan l-applikant fil-lista peress li ma kienx hemm

għażla però għandu jitlob lill-ETC biex tħejji lista oħra ta' applikanti li jaqgħu taħt Part 2 u Part 3. Din is-sejħa ser tagħlaq nhar il-Ħadd 23 ta' Novembru 2014. Il-bord għandu jerġa' jiltaqa' u jħejji l-intervisti.

3.2 *Towing* u *Clamping*

Is-Sur Bonello spjega li għal din il-laqgħa kienu mistiedna is-Sur Mario Tonna u s-Sur Gilbert Agius bħala rappreżentanti minn Transport Malta, biex ikunu jistgħu jitkellmu fuq *towing* u *clamping* ta' karozzi pparkjati illegalment. Is-Sur Tonna skuża ruħu peress li kellu laqgħa oħra u għalhekk ma setax jattendi. Għal din ir-raġuni, tlabna lis-Sur Raymond Zammit biex ikun jista' jattendi s-Sur Martin Bayliss pero dan ukoll ma setax jattendi. Apparti minn hekk, is-Sur Gilbert Agius infurmana wkoll li ma setax jattendi.

Għal din ir-raġuni, il-membri tal-Kumitat qablu li dawn għandhom jerġgħu jiġu mistiedna fil-laqgħa li jmiss.

## 4. AFFARIJIET OĦRA

### *4.1 Scanning tas-Seduti*

Il-President is-Sur Peter Bonello spjega lir-Reġjun li fi żmien il-Kumitat Konġunt, is-seduti kienu ġew *scanned* biex il-volum kbir ta' dokumenti jkunu kollha merfugħin fuq *external hard disk* u ma nibqgħux inżommu l-kwantità kbira ta' karti.

Il-Viċi President, is-Sur Stefan Cordina, staqsa x'inhuma l-ispejjez involuti biex dan ix-xogħol isir.

l-Uffiċċjal Awtorizżat tar-Reġjun, is-Sur David Soler, spjega li meta din il-proċedura kienet saret għall-Kumitat Konġunt, l-ispiża kienet ammontat għal €12,000.00 fis-sena. Spjega wkoll kif din is-sistema tkun kompjuterizzata u jkun hemm *back up*. Apparti minn hekk, permezz ta' din is-sistema, tkun aktar faċli biex l-informazzjoni meħtieġa tinsab malajr mingħajr il-bżonn li jinfetħu dokumenti antiki.

Is-Sur Joe Camilleri xtaq jikkonferma jekk din kenitx diġà ġiet deċiża f'waħda mil-laqgħat tar-Reġjun.

Is-Sinjura Baldacchino Cefai qalet li l-importanti huwa li nkunu qegħdin nimxu tajjeb legalment. Fl-opinjoni tagħha qalet li fuq medda twila ta' żmien tidher li hija *worth it.*

Għal din ir-raġuni, is-Sur Bonello ssuġġerixxa li għandhom jinġiebu kwotazzjonijiet għal dan ix-xogħol. Jekk l-ammont jaqbeż l-€4658.75, ir-Reġjun għandu joħroġ tender.

Il-membri kollha tal-Kumitat qablu  ma' din id-deċiżjoni.

***4.2 Impjieg Temporanju***

Il-President, is-Sur Peter Bonello, spjega li s-Sinjura Joanna Zammit għandha tkompli taħdem fi ħdan ir-Reġjun permezz tal-kuntratt li r-Reġjun għandu mat-T.O.A.D.

Is-Sur Bonello spjega li għal din ir-raġuni, l-Uffiċċjal Awtorizzat, is-Sur David Soler, flimkien mar-Reġistratur tar-Reġjun, is-Sinjorina Lydia Zammit, għandhom jaraw il-volum tax-xogħol li hemm fix-xhur li ġejjin u nimxu skont il-ħtieġa.

***4.3 Servizz ta' Sigurta***

Il-President, is-Sur Peter Bonello, spjega li fl-aħħar laqgħa kien ġie deċiż li għandha tinġabar l-informazzjoni neċċessarja biex is-sistema għal trasport ta' depożiti fil-banek mill-uffiċċju tal-Kunsilli Lokali għall-banek tkun tista' tiġi adottata minn kulħadd u tkun waħda uniformi bejn il-Kunsilli kollha.

Is-Sur Bonello ppropona li għandu jkun hemm sejħa għall-offerti għal dan is-servizz.

Is-Sinjura Magda Magri Naudi spjegat li meta fil-Kunsill Lokali ta' Ħal Lija kienu ġabru l-informazzjoni fuq dan is-serviżż, l-ispejjez kienu wisq allura baqgħu jibgħatu impjegat mill-Kunsill biex iwassal dawn id-depożiti.

Is-Sur Bonello spjega li peress li hemm xi wħud mill-Kunsilli li qegħdin b'kuntratt, dawn għandhom jibdew jibbenifikaw mis-servizz malli jispiċċalhom il-kuntratt. Però l-offerta għandha toħroġ fuq it-tlettax-il lokalita' bil-lest.

Il-Kunsillier ta' Ħal Balzan, is-Sur Stephen Gatt, staqsa jekk hemmx bżonn approvazzjoni mill-Kunsill qabel ma tittieħed deċizjoni fir-Reġjun.

Is-Sindku ta' Santa Venera, is-Sur Stephen Sultana, spjega li mhemmx bżonn peress li kull Kunsill ser ikun qiegħed jibbenefika minn din is-sistema.

Is-Sur Bonello spjega li fit-tender għandu jkun hemm miktub li s-servizz jkun provdut darbtejn fil-ġimgħa hekk kif inhu mitlub mill-awdituri.

Is-Sur Joe Camilleri żied jgħid li fit-tender, l-ispiza għandha tkun ikkalkulata skont il-*cost per run.*

***Is-Sinjura Margaret Baldacchino Cefai skużat ruħha mil-laqgħa peress li kellha tattendi għal-laqgħa oħra urġenti.***

***4.4 Kwotazzjonijiet ta l-Air Conditioners***

Il-President, is-Sur Peter Bonello, ressaq il-kwotazzjonijiet ta’ xiri ta’ tliet air conditioners fuq il-mejda.

Is-Sur Joe Camilleri spjega li fil-fehma tiegħu l-prezzijiet huma kollha fl-istess ilma li d-differenza qiegħda biss fil-garanzija.

Is-Sur Stefan Cordina spjega li l-kwotazzjonijiet provduti ma jispjegawx sew l-ispeċifikazzjonijiet.

Il-Membri tal-Kumitat unanimament qablu li l-aħjar għażla hija dik provduta minn Cutrico Ltd. U għalhekk ir-Reġjun għandu jimxi fuq din il-kwotazzjoni.

***4.5 EU Funding - Ten-T Road Infrastructure***

Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sinjura Jeanette Galea, spjegat li wara t-tabla li saret mis-Sur Maximillian Zammit fl-aħħar laqgħa tar-Reġjun, hija għamlet kuntatt mal-MEUSAC biex iġġib aktar informazzjoni. Is-Sinjorina Mandy Falzon (mill-MEUSAC) spjegat li dan il-fond jaqa’ taħt il-‘Cohesion Fund/ERDF’ jew ‘Connection Europe Facility’.

Ġeneralment proġetti bħal dawn japplika għalihom il-Ministeru tat-Transport u l-Infrastruttura jew Transport Malta.

Għalissa l-ewwel pass għandu jkun li tiġi stabbilita lista ta’ toroq u din il-lista tintbagħat lis-Sinjorina Falzon biex tikkonferma jekk dawn it-toroq jaqgħux taħt dan il-fond.

Wara tkun tista’ jsir komunikazzjoni mal-Ministeru tat-Transport u l-Infrastruttura jew Transport Malta.

Għal din ir-raġuni, għandha tintbagħat e-mail lil kull Kunsill Lokali li jaqa’ taħt dan ir-Reġjun biex jipprovodi l-ismijiet tat-toroq konċernati.

*4.6 Talba ta' Informazzjoni*

Bħala parti mill-ħidma biex jitkomplu jissaħħu r-Reġjuni, is-Segretarjat Parlamentari għall-Gvern Lokali flimkien mad-Dipartiment għall-Gvern Lokali għamel laqgħa ta' informazzjoni li saret nhar it-Tlieta 11 ta Novembru 2014.

**a. Il-Faqar u l-Esklużjoni Soċjali (taħriġ)**

Ser jitħejjew korsijiet għal ħames snin li ġejjin għal dawk iċ-ċittadini li huma l-aktar vulnerabli. Dawn ser ikunu mħallsa mill-Gvern u għal din ir-raġuni kull Kunsill Lokali għandu jsib 25 persuna (preferibbilment li jkunu koppji – biex jagħmlu kuraġġ lil xulxin).

Dawk il-Kunsilli Lokali li għandhom l-elezzjoni s-sena d-dieħla għandhom isibu dawn il-persuni pero l-kors ser jibda sena wara – fl-2016.

Il-Kunsilli Lokali għandhom jistabillixxu post fejn isir dan il-kors kif ukoll jiddentifikaw jekk il-lezzjonijiet għandhomx isiru filgħodu jew filgħaxija u jekk hux bil-Malti jew bl-Ingliz.

Ser ikun hemm is-servizz tac-childcare waqt li jkun hemm il-kors għaddej.

**b. L-abbuż u l-*bullying* (qafas ta' koordinazzjoni)**

Il-Gvern jixtieq li jkun hemm aktar komunikazzjoni bejn il-Gvern, il-Pulizija u l-iskejjel fuq il-problema tal-bullying.

Kull Kunsill Lokali għandu jipprovdi l-informazzjoni lir-Reġjun imbagħad ir-Regjun jgħaddi l-informazzjoni lil Sinjura Therese Spiteri

**c. Sigurtaàfil-kommunitajiet lokali (CCTVs)**

Il-Gvern ser jagħmel ħames kameras – waħda f'kull Reġjun. Għal din ir-raġuni kull Kunsill Lokali għandu jipproponi post adegwat fejn din il-kamera għandha titpoġġa. Kull proposta għandha tasal lir-Reġjun sabiex din tintbagħat lis-Sinjura Therese Spiteri. Il-Pulzija ser tkun qed tiddeċiedi liema post huwa l-aħjar.

Apparti minn hekk intalab biex isir Kalendarju Reġjonali tal-Avvenimenti għas-sena 2016-2017-2018. L-informazzjoni ta' kull avveniment għandha tintbagħat lir-Reġjun biex dan jgħaddiha lis-Sinjura Spiteri.

**d. EU Coordinator**

Il-Gvern ser jagħti EU Coordinator għal kull Reġjun fejn dan ħa jkun qiegħed jopera mir-Reġjun stess.

**e. Calendar of Events**

Ser isir kalendarju bl-avventimenti li ser isiru fis-sena 2015-2016-2017. Għal din ir-raġuni kull Kunsill għandu jibgħat id-dettalji lir-Reġjun meta jkun ser jagħmel xi avveniment.

Is-Segretarju Eżekuttiv għandha tibgħat email lill-Kunsilli Lokali kollha ta' dan ir-Reġjun b'din l-informazzjoni kollha.

**4.7 LEAP**

Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sinjura Galea, spjegat kif is-Sinjura Roberta Grech infurmatha li ser ikun hemm laqgħa għal dawk il-membri ta' LEAP u li d-data tentattiva hija l-Ħamis 4 ta' Diċembru 2014 fil-5:30pm l-aċċess, Melita Street, Belt Valletta. Għandha tintbagħat e-mail bl-informazzjoni kollha lil dawk il-Kunsilli Lokali li jaqgħu taħt dan il-Proġett.

***4.8 Gwardjani Lokali***

Is-Sindku ta' Ħal Lija, is-Sinjura Magda Magri Naudi, spjegat li fil-jiem li għaddew talbet lir-Reġjun biex jipprovdi gwardjani lokali minħabba x-xogħlijiet li qegħdin isiru f'Naxxar Road, Ħal Lija.

Is-Sur Bonello staqsa jekk din it-triq hijiex triq arterjali.

Is-Sinjura Magri Naudi spjegat li l-karozzi qegħdin jidħlu minn triq arterjali għal Triq Preziosi avolja hemm it-tabelli neċċessarji li jinfurmaw lill-vetturi li dawn ma jistgħux jidħlu.

l-Uffiċċjal Awtorizzat, is-Sur David Soler, spjega li l-gwardjan li jmur Ħal Lija għandu jiġu allokat f'dan il-post għal ftit sigħat.

Is-Sur Bonello ssuġġerixxa li s-Sur Soler għandu jmur fuq il-post u jevalwa s-sitwazzjoni.

Is-Sur Soler spjega li għandu jibgħat Gwardjan Lokali u jagħti multi jekk jidħlu karozzi minn din it-Triq.

***4.9 Ikla tal-Milied***

Is-Sur Peter Bonello staqsa lill-membri jekk jixtiequx issir ikla bejn il-membri tal-Kumitat għal żmien il-Milied.

Ġie deċiż li għandhom jinġabru tliet kwotazzjonijiet u li l-ikla għandha ssir wara l-laqgħa li jmiss, nhar it-Tlieta 16 ta' Diċembru 2014.

**5. MISTOQSIJIET**

Ma kienx hemm mistoqsijiet xi jsiru.

**6. APPROVAZZJONI TAL-ĦLASIJIET FL-ISKEDA TAL-PAGAMENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv informat lill-membri li fil-lista tal-pagamenti hemm inkluż ukoll il-ħlas tal-kera tal-uffiċċju tat-tribunal minn Diċembru 2014 sal-aħħar ta' Novembru 2015.

Is-Sur Stephen Gatt, sekondat mis-Sur Joe Camilleri ressaq mozzjoni sabiex jiġi approvat il-ħlas tal-pagamenti li huma mniżżla fuq l-iskeda tal-pagamenti Nru. 50 Il-mozzjoni għaddiet *nem.con*.

**7. TMIEM**

Fis-6.55pm intemmet is-Seduta. Kien hemm qbil li s-seduta li jmiss tkun nhar it-Tlieta 16 ta' Diċembru, 2014 fil-5.30pm

Jeanette Galea
Segretarju Eżekuttiv

**Konfermati:**

Peter Bonello
President